MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1139/2002/1

**Dennis Mifsud**

**vs**

**Albert Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Jannar, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' Albert Degiorgio fejn espona illi fit-12 ta' April 2002 sar jaf permezz ta' ittra minn Dr. Deborah Farrugia li l-esponent gie kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' Lm 805.00c (tmien mija u hames lira Maltin) oltre' spejjes u imghax b' sentenza fl-ismijiet premessi tat-22 ta' Frar, 2002.

Illi hu qatt ma' gie notifikat bl-avviz u ma kienx jaf bil-kawza billi ppruvaw jinnotifikawh fl-indirizz 57 Flat 4, Merchant Street Valletta li mhux tieghu mentri hu joqghod 5 Flat 4, Merchant Street, Valletta.

Illi ghalhekk ghamel il-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni dejjem fuq dan l-indirizz zbaljat ta' 57 Flat 4, Merchant Street, Valletta.

Illi ghalhekk dan kollu kien null u l-attur ottjena sentenza illegalment u nulla u bi frodi billi kien jaf li l-konvenut ma' kienx joqghod hemm, ghax 57 Merchant Street, Valletta mhux flats imma zewgt ihwienet.

Ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 811(a) u (b) jitlob li s-sentenza fuq imsemmija tigi imwarrba jew revokata u l-kawza tigi mismugha mill-gdid.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra r-risposta ta' Dennis Mifsud fejn ecepixxa illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni mhiex ikkontemplata mill-ligi fir-rigward ta' sentenzi moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar. Dan ir-rimedju huwa mahsub biss fir-rigward ta' sentenzi moghtija minn Qorti. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar mhuwiex "Qorti" skond l-Artikoli 2 u 3 tal-Kapitolu 12 u ghalhekk id-dispozizzjonijiet ta' ritrattazzjoni ma jistghawx jigu applikati f' dan il-kaz.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespsot, r-ritrattazjoni ma tistghax issir fl-atti tal-ewwel kawza li tkun res gudikata, kif fil-fatt sar f' dan il-kaz odjern, izda dawn ghandhom ikunu proceduri godda.

Illi minghajr pregudizzju ghal-ewwel eccezzjoni, il-proceduri ta' ritrazzjoni f' "Qorti" tal-ewwel grad issir permezz ta' citazzjoni u mhux rikors.

Illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandha gurisdizzjoni biex tisma u taqta biss it-talbiet kollha ta' flus u dana ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap 380.

Illi t-talba quddiem dan it-Tribunal tista’ issir biss permezz ta’ formoli appoziti.

Illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet imsemmija minn Degiorgio, dawn huma inveritjeri stante li

a) Il-konvenut (Degiorgio) huwa possibilment korrett meta jikkontendi illi l-indirizz indikat bhala tieghu kien zbaljat. Dan ifisser biss pero illi dak (korrett tieghu) ma kienx maghrug lill-esponent li kien allura ampjament intitolat jipprocedi ghan-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni skond l-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12. It-Tribunal fit-23 t’ Ottubru, 2001 wara riferta negativa tal-konvenut (Degiorgio), ordnat li ssir in-notifika bl-affissjoni u fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-Gazzetta Lokali, liema proceduri kollha saru mill-esponent, kif jirrizulta mill-atti tal-istess kawza.

b) Illi l-frodi allegata trid tigi ppruvata minn min jallegaha. Dan huwa kompitu impossibli ghall-konvenut (Degiorgio) billi hija ghal kollox eskluza mill-fatti li huma s-segwenti: (i) in-notifika bl-affisjoni u bil-pubblikazzjoni giet spontanjament ordnata mit-Tribunal fl-udjenza tat-23 t’ Ottubru 2001 (ii) l-indirizz utilizzat mill-esponent kien dak moghti lilu minn terzi attenibbli, bhala dak tar-residenza tal-konvenut (Degiorgio), wara li beda jigri li l-posta ordinarja kienet tasal ghand il-konvenut (Degiorgio) fl-indirizz tax-xoghol tieghu, filwaqt li l-posta registrata bdiet ma tigix notifikata.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talba tal-konvenut (Degiorgio) bl-ispejjes kontra tieghu.

Sema it-trattazzjoni konsulenti legali.

Ikkonsidera

Illi l-kaz odjern jikkoncerna talba ghal ritrattazzjoni dwar kawza gia deciza. L-intimat ghax gie intavolat rikors mir-rikorrent jibbaza d-difiza tieghu fost linji ohra fuq in-

nuqqas ta' dan ir-rimedju quddiem dan it-Tribunal. Dan peress li l-Artikolu Art 811 tal-Kap 12 mhux applikabbli fir-rigward ta' dan it-Tribunal. Dan l-Artikolu jaghmel riferenza ghal Qorti sia ta' prim' istanza u sia fi grad ta' Appell.

Illi gia gie deciz f'hiex tikkonsisti Qorti. X'inhu dan it-Tribunal gia gie ukoll deciz fir-rigward tal-elementi kostitwiti ta' dan it-Tribunal u r-regoli li japplikaw ghalih (vide "Citadel Insurance plc vs Kenneth Brincat").

Dan it-Tribunal gie mwaqqaf permezz ta' att legislattiv specjali Kap 380. Huwa Tribunal specjali billi hemm ndikat sia fid-dibattiti parlamentari u sia fl-istess funzjonijiet u procedura specjali. Dwar dan diga' ppronunzjat ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell diversi drabi.

F'dan is-sens it-Tribunal jaghmel riferenza ghat-Tribunal Industrijali kostitwit originarjament bil-Kap 266 illum regolamentat bil-Kap 452.

Illi minghajr ma joqghod jidhol fil-meritu o menu ta' l-allegat lament tar-rikorrent, rimedju ghandu zgur ghax dan it-Tribunal huwa almenu marbut bil-principju tal-gustizzja naturali u ekwita. Xi procedura trid tintuza u x'att gudizzjarju jrid isir hija haga ohra.

Pero' dan ir-rimedju mhux dak mitlub mir-rikorrenti billi la kien kontemplat u wisq anqas mahsub. It-Tribunal ma jistax jeroga ghalih xi dritt li lilu ma jappartjenix.

Jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, jichad it-talba tar-rikorrent salv kull dritt spettanti lilu skond il-ligi, bl-ispejjez kontra tieghu."

Il-konvenut obbjetta kontra din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghamel interpretazzjoni erronea tal-ligi meta ddetermina illi l-istitut tar-ritrattazzjoni fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ma kienx applikabbli ghal kazijiet sorti quddiemu. Huwa jenfasizza illi t-Tribunal kellu jgi ekwiparat ghall-Qorti ta' l-ewwel

istanza u in kwantu tali seta’ jiehu konjizzjoni ta’ kawzi ta’ ritrattazzjoni. Jissottometti illi diversament l-interpretazzjoni tkun qed tilledi l-principju ta’ l-ekwita` u d-drittijiet tal-bniedem taht il-Konvenzjoni.

Fil-konkret, it-twegiba tal-attur, ghall-affermazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal, hi mpernjata fuq il-konsiderazzjoni tal-identita` kwazi gudizzjarju tat-Tribunal u determinata ukoll minn dak stabbilit fl-Att kostituttiv dwar il-procedura illi tigi segwita mit-Tribunal, il-principji tal-ligi u tal-ekwita` fir-redazzjoni tal-gudizzju tieghu, u mill-kondizzjonijiet ta’ tenuta tal-Gudikatur.

Din il-Qorti tirrikonoxxi mill-ewwel illi l-problematika ‘de qua’ mhiex ta’ facli spedizzjoni u soluzzjoni, kif jidher, sfortunatament, li giet zbrigata mit-Tribunal. A prima vista, jirrizulta apparentement illi dan strah ghal kollox fuq ir-ragjonament traccjat f’sentenza ohra tat-Tribunal fl-ismijiet “**Citadel Insurance plc –vs- Kenneth Brincat**” (5 ta’ Settembru 2001). Sentenza din fejn il-materja hemm trattata kienet ‘toto coelo’ diversa mill-kaz prezenti. Fiha kien qed jigi dibattut jekk it-Tribunal setghax jilqa’ talba ta’ referenza lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fuq il-punt kostituzzjonali. Tajjeb jew hazin, dak it-Tribunal kien hemm irritjena illi hu ma kienx “qorti” skond it-tifsira ristrettiva moghtija minnu lil din il-kelma fit-termini tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni. Il-kwestjoni hawn agitata mhiex bhal din izda jekk id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta’ Procedura, senjatament dawk relattivi ghall-istitut tar-ritrattazzjoni, jghoddux ghal procedimenti quddiem it-Tribunal.

Il-Qorti jidhrilha illi materja bhal din kien jimmeritaha certament analisi aktar penetranti. Dan l-ezercizzju issa ser taghmlu din il-Qorti mill-ahjar li tista’. Dan anke ghaliex tkun qed tonqos mid-dmir taghha bhala Qorti li minn ghandha hi mistennija gwida fi kwestjonijiet legali ta’ certa importanza.

Huwa indiskuss illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma huwiex annoverabbli fost il-qrati ordinarji (Ara Artikoli 2,3 u 4 tal-Kap 12). Hu cert ukoll, pero`, li dak l-istess Tribunal

jezercita funzjonijiet gudizzjarji. Tal-istess speci huwa wkoll kwalsiasi Bord jew Tribunal iehor imwaqqaf b'ligijiet specjali. Eppure, imbaghad, dawn l-istess bordijiet jew tribunali ohra ma jidherx li huma prekluzi milli japplikaw in-normi tal-Kodici ta' Procedura. Dan, s'intendi, sa fejn lilhom konsentit mill-istess ligi li ikkrejathom. Jinhass ghalhekk opportun f'dan l-istadju, ghall-ahjar illustrazzjoni tal-materja, illi jigu rivizitati certi ligijiet u certa gurisprudenza biex minnhom possibilment jinhareg il-paragun, jew kuntrast, skond il-kaz, mat-Tribunal 'de quo'.

Hekk per ezempju l-Bord li Jirregola l-Kera jinsab mil-ligi specjali tieghu (Kap 69) espressament konferit is-setghat moghtija mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Art 20(1)). Similment insibu fil-kaz tal-Bord dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba (Kap 199) bl-Art 6 ta' l-Att kostituttiv tieghu, u fil-kaz tal-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet (Kap 88) bl-Art. 25 (2) ta' dik il-ligi.

Gie kummentat fir-rigward illi "hu ghalhekk korollarju logiku u guridiku li huma applikabbli ghall-proceduri tal-Bord id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Procedura Civili meta ma jkun hemm xejn in kuntrarju fil-ligi specjali tal-Bord, jew meta ma jkunx manifestament inapplikabbli, jew xort'ohra nkompatibbli mal-funzjonijiet specjali tal-Bord. Hekk per ezempju din il-Qorti irriteniet diversi drabi li huma applikabbli ghall-proceduri tal-Bord id-disposizzjonijiet tar-ritrattazzjoni" (**Kollez. Vol XL pI p381**).

Dan hu ben manifest fil-kaz tal-Bord li Jirregola l-Kera, kif ezemplifikat fid-decizjonijiet fl-ismijiet "**Anthony Cassar –vs- Flora Mifsud**", Appell, 5 ta' Frar 1945 u "**Edward Kitcher –vs- Gio Maria Ciappara**", Appell, 17 ta' Gunju 1955.

Interessanti din is-silta mehuda mill-ewwel sentenza appena accennata "**Cassar –vs- Mifsud**", bazata fuq l-inferenza dedotta mill-Art 20 tal-Kap 69 surreferit:-

"Dan il-Bord ghal ragunijiet prattici u suggeriti mill-principji li janimaw kwalunkwe procediment gudizzjarju li huma

principji ta’ gustizzja temprata mill-ekwita` ma jidhirlux li ghandu jiddiparti mill-atteggjament li ha s’issa f’kazi ta’ ritrattazzjoni bazati fuq motivi li ma jkunux dawk biss kontemplati espressament fl-art 43 (illum 42) ta’ l-Ordinanza li tirregola l-kera. Il-Bord, avvolja huwa Bord u mhux Qorti, ghandu attribuzzjonijiet lilu konsentiti mill-istess legislatur”.

Adottati dawn il-principji ghal kaz in diskussjoni wiehed ma jsibx disposizzjoni espressa fl-Att V ta’ l-1995 (Kap 380) konsimili ghal dik raffigurata fil-ligijiet specjali fuq imsemmija. Kull ma jinghad fl-Att hu li l-Gudikatur “ikollu l-istess setgha daqs magistrat li joqghod fil-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza civili taghha” (Art 9 (2)(c). Kif hekk insibu f’bosta ligijiet ohra dwar tribunali li ghandhom setghat kwazi-gudizzjarja, huwa logiku hafna l-inseriment ta’ dan il-provvediment biex dan proprju jaghti lill-gudikatur jew chairman tat-tribunal il-minimu ta’ certi poteri bhal dawk li jharrek, jippresta l-gurament, jiddomanda l-produzzjoni ta’ dokumenti u hwejjeg korrelatati ghall-iskop tal-qadi tal-funzjonijiet tieghu. Hekk, insibu similment f’ligijiet rigwardanti certi bordijiet u tribunali ta’ appelli bhal per ezempju l-Kap 399 (Att dwar it-Telekomunikazzjonijiet) u l-Kap 406 (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud). Dan hu ben differenti mil-provvediment tal-ligijiet specjali ezaminati li expressis jirreferu ghall-Kodici ta’ Procedura.

Huwa bil-wisq evidenti mill-kumplament tal-imsemmi Artikolu 9 illi l-legislatur ma riedx illi certi disposizzjonijiet komminati mil-ligi ta’ Procedura japplikaw ghall-proceduri quddiem it-Tribunal. Huwa daqstant iehor car minn natura stess tal-Att partikolari illi l-legislatur ma riedx jissoggetta d-decizjoni tat-Tribunal bl-istess mod tas-sentenzi tal-awtoritajiet gudizzjarji l-ohra, kompriz allura l-Bordijiet specjali surreferiti. Forsi din id-distinzjoni mhiex nieqsa ghal kollox minn certa gustifikazzjoni tenut rigward tal-fatt illi t-Tribunal hu presjedut minn Gudikatur li ma ghandux il-kariga la ta’ imhallef u lanqas ta’ magistrat, kif ghandhom il-Bordijiet imsemmija. Il-kariga tieghu hi limitata fiz-zmien u la preskritta fl-Art 100 tal-Kostituzzjoni u lanqas imharsa skond is-subincizi (2) u (3) tal-Artikolu 97 tal-istess

Kostituzzjoni. Dan apparti konsiderazzjonijiet ohra emergenti mill-istess Att V ta' l-1995 bhal fil-kaz tad-dritt ta' l-appell li hu wiehed limitat hafna, cirkoskritt ghal kontingenzi preskritti fl-Art. 8 tal-Att. Dan id-dritt, invece, hu regolat differentement fil-kaz tal-Kapijiet 69 u 199. Anke minn dan jidher manifest illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar m'ghandux la l-funzjonijiet u lanqas l-attribuzzjonijiet bhal dawk rizervati mil-ligi specjali taghhom lil Bord li Jirregola l-Kera jew lil Bord dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba'.

Il-fatt li f'dan l-Att kemm f'xi artikoli tieghu rikjam specjali ghal xi disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ma ghandu jikkreja l-ebda perplessita zejda ghaliex hu ben notorju illi, kif rizultanti f'bosta ligijiet ohra, dawn huma cirkostanzi li fihom il-legislatur ikun espressament ried li japplikaw u jigu adottati ghac-cirkostanzi specjali tat-Tribunal. Ad exemplum fil-kaz ta' astensjoni jew rikuza (Art 5), l-appell lil din il-Qorti mid-decizjoni tat-Tribunal (Art 8), u d-dmirijiet tar-Registratur tat-Tribunal (Art 12 (2)).

Sewwa ntqal illi 'l-Att numru V tal-1995 li waqqaf it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jipprovdi ghall-proceduri spediti bil-minimu ta' informalita` u regoli procedurali tant li espressament jistipula li ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa kemm jista' jkun mal-Att jew mar-regoli maghmula tahtu (Art 9, subinciz 3)" – "**Emmanuel Caruana noe –vs- Elaine Cachia**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 1996.

Korrettement ukoll issokta jinghad, dejjem f'din l-istess decizjoni, illi "naturalment iridu jitharsu l-principji ta' gustizzja naturali u fondamentali ghall-smiegh xieraq quddiem Tribunal imparzjali u ndipendenti sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja. Fost dawn il-principji hemm ovvjament dak li, fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha minn tali Tribunal, il-parti ghandha tinghata l-opportunita` tiddefendi l-kaz taghha u certament ma tistax taghmel dan jekk ma tkunx giet bhala parti konvenuta, notifikata bit-talba kontra taghha". F'dak il-kaz

il-Qorti kienet qed tidderimi materja fl-ambitu tal-Artikolu 13 tal-Att.

Huwa difficli biex din il-Qorti, u kull min hu razzjonali, ma jaqbelx mal-espressjoni ta’ opinjoni fuq senjalata. Hekk ukoll, anke jekk rikonoxxuti lir-ritrattazzjoni l-interpretazzjoni strettissima u r-rimedju straordinarju tieghu, wiehed ma jistax ugwalment ma jaqbelx mal-veduta riflessa fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali in re “**Leonard Muscat –vs- Onorevoli Prim Ministru**”, 31 ta’ Lulju 2000, dwar l-importanza tal-istitut biex jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f’gudikati u tigi evitata ‘miscarriage of justice’ u b’hekk tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet.

Ikollu jinghad pero` illi, elokwenti kemm huwa elokwenti, dawn l-opinjonijiet u veduti ma jservux biex tirrizolvi l-“vexata quaestio”. Dan ghaliex fil-kaz in disamina l-legislatur ma hasebx ukoll ghall-provvediment tad-dritt tar-ritrattazzjoni quddiem it-Tribunal. Li jfisser illi kieku din il-Qorti kellha tammetti dan id-dritt tkun qed tinoltra ruhha f’kamp li di diritto mhux rizervat lilha. L-invokazzjoni ghall-principju tal-ekwita` ma ggibx ghal daqshekk illi r-ritrattazzjoni hi permissibbli anke fejn dan mhux konsentit jew akkordat skond il-volonta` tal-ligi.

Il-Qorti tissimpatizza mal-veduti tal-appellanti espressi fl-aggravju tieghu, anke jekk ghal vers iehor ma tistax takkoljihom. Jibqa’ l-fatt illi anke jekk il-ligi specjali ma tipprovdix ghar-ritrattazzjoni dan ma jfisserx illi l-appellanti ma ghandux rimedju konsimili ghal dak ottenut fil-kaz ta’ decizjoni mit-Tribunal Industrijali. Dan ghaliex hu ben rikonoxxut illi l-Qrati ordinarji jibqghalhom il-gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat ta’ dak it-Tribunal f’kaz fejn dan ikun mar ‘ultra vires’ jew kontra r-regoli ta’ gustizzja naturali jew fejn is-sentenza tkun kontra xi ligi miktuba. Dan apparti wkoll ir-rimedju kostituzzjonali biex jithassru sentenzi. Ara a propozitu “**Cuschieri vs- Prim Ministru et**”, Qorti Kostituzzjonali, 7 ta’ Frar 1996.

Hemm imbaghad is-sentenza fl-ismijiet “**Giuseppe Felice Morina –vs- Edward Spiteri**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 26

ta' Marzu 1953. Minnha hu dezumibbli illi fejn ligi partikolari ma tipprovdiex ir-rimedju, u jkun jezisti kaz ta' vjolazzjoni ta' wiehed mill-principji ta' gustizzja naturali, dan jista' jigi re-integrat mit-tribunal ordinarju "fl-assenza ta' rimedji statutorji specifici".

Raggunta l-konkluzjoni aktar il-fuq esposta din il-Qorti ma tarax kif tista' takkolji l-aggravju interpost jew li tvarja, kif mitlub, id-decizjoni tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, konfermata. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz hu xieraq li l-ispejjez tal-prezenti istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------